SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

29 ta’ Lulju 2019*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Għajnuna għall-impjieg – Eżenzjoni ta’ kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali marbuta ma’ kuntratti ta’ taħriġ u ta’ xogħol – Deċiżjoni 2000/128/KE – Skemi ta’ għajnuna li jirrigwardaw miżuri għall-impjieg implimentati mill-Italja – Għajnuna parzjalment inkompatibbli mas-suq intern – Applikabbiltà tad-Deċiżjoni 2000/128/KE għal impriża li tipprovdi b’mod esklużiv servizzi ta’ trasport pubbliku lokali li kienu direttament attribwiti lilha minn komun – Artikolu 107(1) TFUE – Kunċett ta’ ‘distorsjoni tal-kompetizzjoni’ – Kunċett ta’ ‘impatt fuq il-kummerċ’ bejn l-Istati Membri”

Fil-Kawża C-659/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema ta’ Kassazzjoni, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tal-4 ta’ Lulju 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta’ Novembru 2017, fil-proċedura

**Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)**

vs

**Azienda Napoletana Mobilità SpA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Arabadjiev (Relatur), President tal-Awla, T. von Danwitz u P. G. Xuereb, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-3 ta’ April 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS), minn A. Sgroi, L. Maritato u C. D’Aloisio, avvocati,

– għall-Azienda Napoletana Mobilità SpA, minn M. Malena u S. Miccoli, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn D. Recchia u F. Tomat, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2019,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE u tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/128/KE, tal-11 ta' Mejju 1999, dwar l-iskemi ta' għajnuna implementati mill-Italja dwar miżuri għall-impjieg (ĠU 2000, L 42, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn l-Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS) u l-Azienda Napoletana Mobilità SpA (iktar 'il quddiem "ANM") dwar obbligu eventwali, impost fuq ANM, li tħallas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali lill-INPS marbuta ma' kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol konklużi mill-ANM bejn is-snin 1997 u 2001.

**Il-kuntest ġuridiku**

***Id-Deċiżjoni 2000/128***

3 Il-punti 62 sa 67 tal-motivi tad-Deċiżjoni 2000/128 jistabbilixxu, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Taljana dwar il-kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol:

"(62) Il-kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol, hekk kif kienu rregolati mil-[legge n. 863, Conversione in legge, con modificazioni, del decreto-legge 30 ottobre 1984, n. 726, recante misure urgenti a sostegno e ad incremento dei livelli okkupazzjonali (il-Liġi Nru 863, li tikkonverti f'liġi, b'emendi, id-Digriet Legali Nru 726, tat-30 ta' Ottubru 1984, dwar miżuri urġenti fir-rigward tas-sostenn u taż-żieda fil-livelli ta' impjieg), tad-19 ta' Diċembru 1984 (GURI Nru 351, tat-22 ta' Diċembru 1984, p. 10691)], ma kinux jikkostitwixxu għajnuna skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat [KE], iżda miżura ġenerali. Il-vantaġġi previsti kienu fil-fatt applikabbli b'mod uniformi, awtomatiku, mhux diskrezzjonali u fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi għall-impriżi kollha.

(63) L-emendi magħmula fl-1990 permezz tal-[legge n. 407, Disposizioni diverse per l'attuazione della manovra di finanza pubblica 1991–1993 (il-Liġi Nru 407, li tistabbilixxi diversi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-politika tal-finanzi pubbliċi 1991–1993), tad-29 ta' Diċembru 1990 (GURI Nru 303, tal-31 ta' Diċembru 1990, p. 3)], bidlu n-natura ta' dawn il-miżuri. Dawn id-dispożizzjonijiet bidlu t-tnaqqis skont il-post fejn tinsab stabbilita l-impriża benefiċjarja, kif ukoll skont is-settur li tappartjeni għalih l-impriża benefiċjarja. Minħabba f'hekk, ċerti impriżi jibbenefikaw minn tnaqqis ikbar minn dak mogħti lil impriżi kompetituri.

(64) It-tnaqqis selettiv li jiffavorixxi lil ċerti impriżi meta mqabbla ma' oħrajn tal-istess Stat Membru, kemm jekk din is-selettività titwettaq fuq livell individwali, reġjonali jew settorjali, jikkostitwixxi, għall-parti differenzjali tat-tnaqqis, għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat [KE] li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

Fil-fatt, id-differenza msemmija tiffavorixxi lill-impriżi li joperaw f'ċerti żoni tat-territorju tal-Italja, peress li din ma tingħatax lill-impriżi barra minn dawn iż-żoni.

(65) Din l-għajnuna toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, peress li din issaħħaħ is-sitwazzjoni finanzjarja u l-possibbiltajiet ta' azzjoni tal-impriżi benefiċjarji meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom li ma jibbenefikawx minnha. Sa fejn dan l-effett ikun prodott fil-kuntest tal-iskambji intra-Komunitarji, dawn ikunu affettwati mill-għajnuna.

(66) B'mod partikolari, din l-għajnuna toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri sa fejn l-impriżi benefiċjarji jesportaw parti mill-produzzjoni tagħhom fl-Istati Membri l-oħra; barra minn hekk, anki jekk dawn l-impriżi ma jesportawx, il-produzzjoni nazzjonali hija ffavorita mill-fatt li l-possibbiltajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jesportaw il-prodotti tagħhom fis-suq Taljan jonqsu.

(67) Għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, il-miżuri li qed jiġu eżaminati huma fil-prinċipju pprojbiti mill-Artikolu 87(1) tat-Trattat [KE] u mill-Artikolu 62(1) tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea[, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE")] u jistgħu biss jitqiesu bħala kompatibbli mas-suq komuni jekk dawn jistgħu jibbenefikaw minn waħda mid-derogi previsti mill-imsemmi trattat jew mill-imsemmi ftehim."

4 F'dak li jikkonċerna l-leġiżlazzjoni Taljana dwar it-trasformazzjoni ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol f'kuntratti għal żmien indeterminat, il-punti 97 u 98 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni huma fformulati kif ġej:

"(97) Fir-rigward ta' estensjoni għal sena tal-għajnuna prevista għall-kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol u peress li din l-għajnuna għandha natura ta' selettività iktar enfasizzata, peress li hija limitata biss għaż-żoni tal-objettiv Nru 1, l-analiżi dwar in-natura ta' għajnuna żviluppata fil-punt V.1.a) hija saħansitra iktar rilevanti fir-rigward ta' dawn l-interventi.

(98) Konsegwentement, mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq jirriżulta li l-miżuri inkwistjoni jistgħu jaffettwaw il-kummerċ fi ħdan il-Komunità. Fid-dawl tal-elementi ta' għajnuna li jinsabu f'dawn il-miżuri, għandu jitqies li l-interventi inkwistjoni jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE u tal-Artikolu 62(1) tal-Ftehim ŻEE, peress li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni f'miżura li tista' taffettwa l-kummerċ intra-Komunitarju, u li hija tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni biss jekk hija tista' tibbenefika minn waħda mid-derogi previsti."

5 L-Artikolu 1 tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi:

"1. L-għajnuna mogħtija illegalment mill-Italja minn Novembru 1995 għall-ingaġġ ta' ħaddiema permezz ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' esperjenza ta' xogħol previsti mil-[Liġi Nru 863, tad-19 ta' Diċembru 1984, mil-Liġi Nru 407, tad-29 ta' Diċembru 1990, mil-legge n. 169 – Conversione in legge, con modificazioni, del decreto-legge 29 marzo 1991, n. 108, recante disposizioni urgenti in materia di sostegno dell'occupazione (Liġi Nru 169, li tikkonverti f'liġi, b'emendi, id-Digriet Legali Nru 108, tad-29 ta' Marzu 1991, dwar miżuri urġenti fir-rigward tas-sostenn tal-impjieg), tal-1 ta' Ġunju 1991 (GURI Nru 129, tal-4 ta' Ġunju 1991, p. 4) u l-legge n. 451 – Conversione in legge, con modificazioni, del decreto-legge 16 maggio 1994, n. 299, recante disposizioni urgenti in materia di occupazione e di fiscalizzazione degli oneri sociali (Liġi Nru 451, li tikkonverti f'liġi, b'emendi, id-Digriet Legali Nru 299, tas-16 ta' Mejju 1994, dwar miżuri urġenti fir-rigward tal-impjieg u tal-intaxxar tal-kontribuzzjonijiet soċjali), tad-19 ta' Lulju 1994 (GURI Nru 167, tad-19 ta' Lulju 1994, p. 3)], hija kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE sakemm tkun tikkonċerna:

– il-ħolqien ta' impjiegi fl-impriża benefiċjarja għal ħaddiema li għadhom ma sabux impjieg jew li tilfu l-impjieg preċedenti tagħhom, kif iddefiniti fil-linji gwida dwar għajnuna għax-xogħol [(ĠU 1995, C 334, p. 4)],

– l-ingaġġ ta' ħaddiema li jesperjenzaw diffikultajiet partikolari biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. Għall-finijiet ta' din id-deċiżjoni, 'ħaddiema li jesperjenzaw diffikultajiet partikolari biex jidħlu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol' huma żgħażagħ taħt il-25 sena, [gradwati] sa 29 sena u l-persuni qiegħda għal żmien twil, jiġifieri, dawk li ilhom qiegħda għal iktar minn sena.

2. L-għajnuna mogħtija għal kuntratti ta' taħriġ u ta' esperjenza ta' xogħol li ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 hija inkompatibbli mas-suq komuni."

6 Skont l-Artikolu 2 tal-istess deċiżjoni:

"1. L-għajnuna mogħtija mill-Italja skont l-Artikolu 15 tal-[legge n. 196 – Norme in materia di promozione dell'occupazione (Liġi Nru 196/97 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet legali dwar il-promozzjoni tal-impjieg), tal-24 ta' Ġunju 1997 (Suppliment ordinarju għall-GURI Nru 154, tal-4 ta' Lulju 1997)] għat-trasformazzjoni ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' esperjenza ta' xogħol f'kuntratti għal żmien indeterminat hija kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim ŻEE sakemm tirrispetta r-rekwiżit ta' ħolqien nett ta' impjiegi kif iddefinit fil-linji gwida tal-Komunità dwar għajnuna għax-xogħol.

In-numru ta' impjegati ta' impriża għandu jiġi kkalkolat mingħajr ma jitqiesu l-impjiegi li rriżultaw mit-trasformazzjoni u l-impjiegi maħluqa permezz ta' kuntratti għal żmien determinat jew li ma jiggarantixxux biżżejjed stabbilità tal-impjieg.

2. L-għajnuna għat-trasformazzjoni ta' kuntratti tat-taħriġ u ta' esperjenza ta' xogħol f'kuntratti għal żmien indeterminat li ma tissodisfax ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 hija inkompatibbli mas-suq komuni."

7 L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni 2000/128 jipprevedi:

"L-Italja għandha tadotta l-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikoli 1 u 2 mogħtija diġà b'mod illegali.

L-irkupru għandu jsir skont il-proċeduri tal-liġi Taljana. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati għandhom jinkludu l-imgħaxijiet mid-data meta tħallset l-għjnuna sad-data tal-irkupru effettiv tagħha. L-imgħax għandu jiġi kkalkolat abbażi tar-rata ta' referenza użata biex tiġi kkalkolata l-għotja ekwivalenti ta' għajnuna reġjonali."

### *Id-dritt Taljan*

8 Ir-Repubblika Taljana, permezz tal-Liġi Nru 863, tad-19 ta' Diċembru 1984, introduċiet il-"kuntratt ta' taħriġ u ta' xogħol". Dan kien, inizjalment, kuntratt għal żmien determinat, flimkien ma' perijodu ta' taħriġ, previst għar-reklutaġġ ta' ħaddiema qiegħda li ma għandhomx iktar minn 29 sena. Il-ħaddiema impjegati permezz ta' dan it-tip ta' kuntratt kienu jibbenefikaw, għal perijodu ta' sentejn, minn eżenzjoni mill-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti mill-persuna li timpjega. Din l-eżenzjoni tapplika b'mod uniformi, awtomatiku u mhux diskrezzjonali fuq it-territorju nazzjonali kollu.

9 Ir-regoli applikabbli għall-kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol ġew emendati suċċessivament permezz tal-Liġi Nru 407, tad-29 ta' Diċembru 1990 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 407/1990"), li introduċiet modulazzjoni reġjonali tal-eżenzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, permezz tal-Liġi Nru 169, tal-1 ta' Ġunju 1991, li tellgħet l-età massima tal-ħaddiema li jistgħu jiġu rreklutati permezz ta' dan it-tip ta' kuntratt għal 32 sena, u permezz tal-Liġi Nru 451, tad-19 ta' Lulju 1994 (iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 451/1994"), li introduċiet il-kuntratt ta' taħriġ u ta' xogħol limitat għal sena u li ffissat numru minimu ta' sigħat ta' taħriġ li kellhom jiġu osservati.

10 Dawn il-liġijiet emendatorji ppermettew ir-reklutaġġ, permezz ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol, ta' żgħażagħ ta' età bejn is-16 u t-32 sena, liema limitu fl-età jista' jiġi rrilevat fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet reġjonali kompetenti, u pprevedew l-eżenzjoni totali tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà

soċjali, b'mod partikolari, għal perijodu ta' taħriġ ta' sentejn, favur impriżi li joperaw f'żoni fejn ir-rata ta' qgħad kienet ogħla mill-medja nazzjonali Taljana, liema perijodu jista' jiġi estiż b'sena fil-każ ta' trasformazzjoni ta' tali kuntratti f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat.

## Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

11 L-ANM ġiet stabbilita fl-1995, wara l-konverżjoni ta' kumpannija maħluqa taħt forma ta' konsorzju ta' dritt pubbliku, għat-tmexxija unitarja u integrata tas-servizzi ta' trasport pubbliku lokali tal-komun ta' Napoli (l-Italja). Fl-2001, din ġiet ikkonvertita f'kumpannija b'responsabbiltà limitata, li għandha lil dan il-komun bħala azzjonist uniku, u li għandha bħala għan l-amministrazzjoni tas-servizzi ta' trasport pubbliku ta' persuni u ta' merkanzija mwettqa b'kull mezz fit-territorju tal-imsemmi komun.

12 Fil-kuntest ta' din l-attività, bejn ix-xhur ta' Novembru 1995 u ta' Mejju 2001, ANM irreklutat persuni bil-għan li tipprovdilhom taħriġ professjonali u li sussegwentement tintegrahom fl-impriża. Dawn ir-reklutaġġi saru permezz ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol, fis-sens tal-Liġi Nru 863, tad-19 ta' Diċembru 1984, kif emendata bil-Liġijiet Nri 407/1990, 169 tal-1 ta' Ġunju 1991 u 451/1994. Il-konverżjoni ta' dawn il-kuntratti f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indefinit saret skont il-Liġi Nru 451/1994. ANM ibbenefikat, għall-imsemmija kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol kif ukoll għall-konverżjoni konsekuttiva, minn eżenzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali previsti mil-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

13 Peress li l-Kummissjoni Ewropea ddikjarat din il-leġiżlazzjoni parzjalment inkompatibbli mal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE, l-INPS indirizza, bħala awtorità nazzjonali inkarigata mill-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni 2000/128, lil ANM żewġ avviżi ta' ħlas li l-ammonti tagħhom kienu jammontaw rispettivament għal EUR 7 429 436.76 għar-reklutaġġi mwettqa permezz ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol matul is-snin 1997 sa 2001 u għal EUR 2 266 014.05 għall-konverżjonijiet ta' dawn il-kuntratti f'kuntratti ta' xogħol għal żmien indeterminat li jkopri s-snin 1999 sa 2001.

14 L-ANM talbet lit-Tribunale di Napoli (il-Qorti ta' Napoli, l-Italja) biex tikkonstata n-nuqqas ta' obbligu tagħha li tħallas dawn l-ammonti. Din il-qorti laqgħet ir-rikors tal-ANM, minħabba li d-Deċiżjoni 2000/128 ma kinitx teżerċita effett dirett fl-ordinament ġuridiku Taljan, peress li din ma kinitx timponi fuq ir-Repubblika Taljana obbligu suffiċjentement preċiż u inkundizzjonat.

15 L-INPS appella mis-sentenza tat-Tribunale di Napoli (il-Qorti ta' Napoli) quddiem il-Corte d'appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli, l-Italja), li kkonfermat din is-sentenza filwaqt li bidlet il-motivazzjoni tagħha. Skont din il-qorti, id-Deċiżjoni 2000/128 ċertament tifforma parti mill-ordinament ġuridiku Taljan, iżda ma hijiex applikabbli għal ANM. Il-vantaġġ ekonomiku li jirrappreżentaw l-eżenzjonijiet tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma huwiex ta' natura li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u lanqas li jippreġudika l-kompetizzjoni, peress li dawn kienu jikkonċernaw l-attivitajiet ta' trasport pubbliku lokali eżerċitati fl-iskema ta' nuqqas ta' kompetizzjoni, wara l-għoti dirett tagħhom lil ANM.

16 L-INPS ressaq appell ta' kassazzjoni quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), fejn sostna li s-sentenza tal-Corte d'appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli) hija vvizzjata bi żbalji fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 107 TFUE u tad-Deċiżjoni 2000/128, peress li din tal-aħħar hija applikabbli b'mod sħiħ għal ANM.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-Deċiżjoni [2000/128] tapplika wkoll fir-rigward tal-persuni li jimpjegaw li jeżerċitaw attività ta' trasport pubbliku lokali – taħt sistema essenzjalment mingħajr kompetizzjoni, minħabba n-natura esklużiva tas-servizz ipprovdut – u li kienu bbenefikaw minn tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet soċjali bħala konsegwenza tal-konklużjoni ta' kuntratti ta' taħriġ u ta' xogħol, b'effett mid-dħul fis-seħħ tal-Liġi [Nru 407/1990], fir-rigward, f'dan il-każ, tal-perijodu bejn l-1997 u Mejju 2001?"

## Fuq id-domanda preliminari

18 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Deċiżjoni 2000/128 għandhiex tiġi interpretata fis-sens li hija tapplika għal impriża, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li pprovdiet, abbażi ta' għoti dirett minn komun u b'mod esklużiv, servizzi ta' trasport pubbliku lokali u li bbenefikat minn tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li din id-deċiżjoni ddikjarat parzjalment inkompatibbli mal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE.

19 B'mod partikolari, din il-qorti tistaqsi dwar il-kwistjoni jekk id-deċiżjoni msemmija tapplikax għas-settur tat-trasport pubbliku lokali u jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet tal-effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn Stati Membri stabbiliti mid-dispożizzjoni msemmija.

20 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-klassifikazzjoni ta' miżura bħala "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, teħtieġ li l-kundizzjonijiet segwenti jkunu kollha ssodisfatti. L-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat. It-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun ta' natura li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. It-tielet nett, dan għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju. Ir-raba' nett, dan għandu joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, Il-Kummissjoni vs FIH Holding u FIH Erhvervsbank, C-579/16 P, EU:C:2018:159, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat, qabel kollox, li l-Kummissjoni kkonstatat, fil-punti 63, 64 u 97 tal-motivi tad-Deċiżjoni 2000/128, li l-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa l-ewwel u t-tielet kundizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti.

22 Sussegwentement, fil-punti 65 u 97 tal-motivi ta' din id-deċiżjoni, din l-istituzzjoni kkunsidrat li t-tieni u r-raba' kundizzjonijiet huma wkoll issodisfatti minħabba li, fir-rigward tat-tieni waħda, l-għajnuna ssaħħaħ is-sitwazzjoni finanzjarja u l-possibbiltajiet ta' azzjoni tal-impriżi benefiċjarji u "sa fejn", fir-rigward tar-raba' waħda, dan l-effett iseħħ fil-kuntest tal-iskambji fi ħdan is-suq intern.

23 Fil-punti 66 u 97 tal-motivi tad-deċiżjoni msemmija, huwa ppreċiżat li, "b'mod partikolari", il-kompetizzjoni hija distorta u l-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa affettwat "sa fejn" l-impriżi benefiċjarji jesportaw parti mill-produzzjoni tagħhom fl-Istati Membri l-oħra jew, meta dawn l-impriżi ma jesportawx, il-produzzjoni nazzjonali tkun iffavorita minħabba l-fatt li l-possibbiltajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jesportaw il-prodotti tagħhom fis-suq Taljan jonqsu minħabba f'hekk.

24 Issa, minn naħa, kuntrarjament għal dak li tallega ANM, mill-kliem tal-punt 66 tal-motivi tad-Deċiżjoni 2000/128 ma jistax jiġi dedott li l-Kummissjoni llimitat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deċiżjoni għas-setturi direttament involuti fil-kummerċ ta' prodotti jew ta' servizzi fi ħdan is-suq intern, bl-esklużjoni tas-setturi tas-servizzi lokali, bħal dak tat-trasport pubbliku lokali.

25 Fil-fatt, kif diġà kellha l-okkażjoni li tikkonstata l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-punt 65 tal-motivi tad-deċiżjoni msemmija, il-Kummissjoni spjegat, f'termini ġenerali, li t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali selettivi previst mil-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni fil-kawża prinċipali joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u li, sa fejn dan l-effett iseħħ fil-kuntest tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, dawn huma affettwati, filwaqt li l-punt 66 tal-motivi tad-deċiżjoni msemmija juri biss din l-evalwazzjoni billi juża l-eżempju tas-settur tal-produzzjoni (sentenza tas-7 ta' Marzu 2002, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-310/99, EU:C:2002:143, punt 88).

26 Min-naħa l-oħra, mill-punti 65, 66 u 97 tal-motivi tad-Deċiżjoni 2000/128 jirriżulta li t-tieni u r-raba' kundizzjonijiet tal-Artikolu 107(1) TFUE huma ssodisfatti biss sa fejn l-impriżi li jibbenefikaw mit-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali huma esposti għall-kompetizzjoni f'suq liberalizzat, anki jekk parzjalment.

27 Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Kummissjoni tista' teżamina biss il-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni sabiex tevalwa, fil-motivi tad-deċiżjoni, jekk, minħabba l-modalitajiet previsti minn din l-iskema, din tal-aħħar tiżgurax vantaġġ għall-benefiċjarji meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom u jekk hijiex ta' natura li tagħti vantaġġ essenzjalment lil impriżi li jipparteċipaw fil-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni, f'deċiżjoni li tirrigwarda tali skema, ma hijiex marbuta twettaq analiżi tal-għajnuna mogħtija f'kull każ individwali abbażi ta' tali skema. Huwa biss fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna li jkun neċessarju li tiġi vverifikata s-sitwazzjoni individwali ta' kull impriża kkonċernata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punt 63 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

28 Konsegwentement, qabel ma jipproċedu għall-irkupru ta' vantaġġ, l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat huma obbligati li jivverifikaw, f'kull każ individwali, jekk il-vantaġġ mogħti kienx, fi ħdan il-benefiċjarju tagħha, kapaċi li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2011, Comitato "Venezia vuole vivere" *et* vs Il-Kummissjoni, C-71/09 P, C-73/09 P u C-76/09 P, EU:C:2011:368, punti 64 u 115).

29 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala "għajnuna mill-Istat", hemm lok mhux li jiġi stabbilit effett reali tal-għajnuna inkwistjoni fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u distorsjoni effettiva tal-kompetizzjoni, iżda biss li jiġi eżaminat jekk din l-għajnuna tistax taffettwa lil dan il-kummerċ u twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'mod partikolari, meta għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ċerti impriżi meta mqabbla ma' dik ta' impriżi kompetituri oħra fil-kummerċ bejn l-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu li huma influwenzati mill-għajnuna. F'dan ir-rigward, ma huwiex meħtieġ li l-impriżi benefiċjarji jipparteċipaw huma stess fil-kummerċ bejn l-Istati Membri. Fil-fatt, meta Stat Membru jagħti għajnuna lil impriżi, l-attività interna tista' tibqa' l-istess jew tiżdied, bil-konsegwenza li jkunu mnaqqsa l-opportunitajiet tal-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra li jidħlu fis-suq ta' dan l-Istat Membru (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Għaldaqstant, il-kundizzjoni li tgħid li l-għajnuna għandha tkun ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri ma tiddependix min-natura lokali jew reġjonali tas-servizzi ta' trasport ipprovduti (sentenzi tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 82, u tal-14 ta' Jannar 2015, Eventech, C-518/13, EU:C:2015:9, punt 69).

32 Fir-rigward tal-kundizzjoni tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni, għandu jiġi enfasizzat li, l-għajnuna intiża biex teħles lil impriża mill-ispejjeż li hija jkollha normalment issostni fil-kuntest tal-ġestjoni ta' kuljum jew tal-attivitajiet normali tagħha, bħala prinċipju toħloq distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punt 80 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan il-każ, jidher li huwa stabbilit li l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li għalihom ANM ibbenefikat mit-tnaqqis inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma spejjeż li normalment hija kellha ssostni fil-kuntest tal-ġestjoni tagħha ta' kuljum jew tal-attivitajiet normali tagħha.

34 Min-naħa l-oħra, kemm quddiem il-qorti tar-rinviju kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ANM issostni li matul il-perijodu bejn l-1997 u l-2001, hija ma kienet esposta għal ebda kompetizzjoni fir-rigward tas-servizzi ta' trasport pubbliku lokali inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li, matul dan l-istess perijodu, is-suq Taljan tat-trasport pubbliku lokali ma kienx liberalizzat, lanqas parzjalment.

35 Issa, kuntrarjament għal ANM, il-Gvern Taljan isostni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, is-suq Taljan tat-trasport pubbliku lokali kien miftuħ għall-kompetizzjoni. Barra minn hekk, skont dan il-gvern, ebda projbizzjoni li jiġu offruti tali servizzi fl-Italja ma kienet applikabbli għall-operaturi ta' Stati Membri oħra, u jeżistu eżempji ta' provvista ta' tali servizzi minn tali operaturi.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li diversi Stati Membri bdew, mill-1995, jiftħu ċerti swieq ta' trasport għall-kompetizzjoni minn impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra, b'mod li diversi impriżi kienu diġà offrew, matul l-imsemmi perijodu, is-servizzi ta' trasport urban, suburban jew reġjonali tagħhom fi Stati Membri differenti mill-Istat ta' oriġini tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg, C-280/00, EU:C:2003:415, punt 79).

37 Fir-rigward tal-kwistjoni jekk ANM kinitx jew le, matul dan il-perijodu, esposta għal kompetizzjoni f'dak li jikkonċerna s-servizzi ta' trasport pubbliku lokali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jirriżulta, ċertament, mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, li dawn is-servizzi ġew attribwiti esklużivament u direttament lil ANM, mingħajr ma kienet ġiet organizzata proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku minn qabel.

38 Madankollu, ebda element ta' dan il-fajl ma jistabbilixxi li l-komun ta' Napoli kien obbligat, permezz ta' miżuri leġiżlattivi jew regolamentari, li jattribwixxi dawn is-servizzi b'mod esklużiv lil din l-impriża, b'tali mod li jidher li kien ukoll mixtieq li dan il-komun jattribwixxi dawn is-servizzi lil fornitur ieħor, b'mod partikolari permezz tal-organizzazzjoni ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku li setgħu b'hekk jipparteċipaw fiha, hekk kif sostna l-Gvern Taljan quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, operaturi ta' Stati Membri oħra.

39 Issa, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 33 sa 35 u 38 tal-konklużjonijiet tiegħu, fl-assenza ta' tali obbligu leġiżlattiv jew regolamentari, għandu jiġi kkonstatat li kompetizzjoni għas-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet possibbli, b'tali mod li ma jista' jiġi eskluż la li t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li bbenefikat minnhom ANM ta vantaġġ lil din l-impriża meta mqabbel mal-kompetituri potenzjali tagħha, anki dawk provenjenti minn Stati Membri oħra, u lanqas li, għaldaqstant, il-kompetizzjoni għal dan il-kuntratt kienet ġiet distorta u l-kummerċ bejn l-Istati Membri kien ġie affettwat minn dan it-tnaqqis.

40 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju, li hija l-unika li għandha għarfien dirett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, li għandha twettaq il-verifiki neċessarji sabiex jiġi ddeterminat jekk, matul il-perijodu inkwistjoni fil-kawża prinċipali, is-suq Taljan tat-trasport pubbliku lokali kienx miftuħ għall-kompetizzjoni u għalhekk kien jippermetti lill-operaturi ta' Stati Membri oħra li joffru s-servizzi

tagħhom biex jiġu pprovduti s-servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jew jekk il-komun ta' Napoli kienx suġġett għal obbligu leġiżlattiv jew regolatorju li jattribwixxi dawn is-servizzi esklużivament lil ANM.

41 Barra minn hekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rrilevati mill-Avukat Ġenerali fil-punti 40 u 41 tal-konklużjonijiet tiegħu, dwar l-istatus ta' ANM u dwar il-kontenut tal-kuntratt ta' servizzi inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija wkoll, jekk ikun il-każ, il-qorti tar-rinviju li għandha twettaq il-verifiki neċessarji sabiex jiġi ddeterminat jekk ANM eżerċitatx, matul il-perijodu bejn l-1997 u l-2001, attivitajiet fi swieq oħra ta' prodotti jew ta' servizzi jew inkella fi swieq ġeografiċi oħra miftuħa għal kompetizzjoni effettiva.

42 Fil-fatt, jekk jirriżulta li ANM eżerċitat, matul dan il-perijodu, attivitajiet f'tali swieq oħrajn, ma jistax jiġi eskluż li t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li din l-impriża bbenefikat minnhom abbażi tal-leġiżlazzjoni Taljana inkwistjoni fil-kawża prinċipali ħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u affettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri fuq dawn is-swieq l-oħra, sakemm dawn l-attivitajiet ma kinux ibbenefikaw mill-imsemmi tnaqqis u sakemm kull riskju ta' sussidji trażversali jkun ġie eskluż, permezz tal-prova li kontabbiltà separata xierqa kienet żgurat li l-imsemmi tnaqqis ma setax jibbenefika lill-attivitajiet imsemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2017, Congregación de Escuelas Pías Provincia Betania, C-74/16, EU:C:2017:496, punt 51, u tat-23 ta' Jannar 2019, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-387/17, EU:C:2019:51, punt 42).

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li, mingħajr preġudizzju għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, id-Deċiżjoni 2000/128 għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tapplika għal impriża, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li pprovdiet, abbażi ta' għoti dirett minn komun u b'mod esklużiv, servizzi ta' trasport pubbliku lokali u li bbenefikat minn tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li din id-deċiżjoni ddikjarat parzjalment inkompatibbli mal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE.

**Fuq l-ispejjeż**

44 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Mingħajr preġudizzju għall-verifiki li għandhom isiru mill-qorti tar-rinviju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/128/KE, tal-11 ta' Mejju 1999, dwar l-iskemi ta' għajnuna implementati mill-Italja dwar miżuri għall-impjieg, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tapplika għal impriża, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li pprovdiet, abbażi ta' għoti dirett minn komun u b'mod esklużiv, servizzi ta' trasport pubbliku lokali u li bbenefikat minn tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li din id-deċiżjoni ddikjarat parzjalment inkompatibbli mal-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 107(1) TFUE.**

Firem